*Uliedkom iġeddu bl-imħabba*
*il-laħam li tilfu ġenbejkom...*
*O xhieda għad-dinja meħtieġa*
*ta' nisel maħqur u rebbieħ!*
*Imrażżan mill-herra Maltija*
*id-Dib li kien ġie biex jiblagħhom*
*qatt iżjed tal-Gżira mifdija*
*ma jirfes ix-xtajta b'riġlejh!*

Hi ħaġa li tfisser mhux ftit li wara iżjed minn dsatax-il sena li ilu li miet, Ġużè Muscat-Azzopardi għadu ħaj fostna, ħaj fil-poeżija, fir-rumanzi u f'għadd ta' friegħi oħra letterarji. Kien poeta? Ma nistgħux ngħażlu ħlief ftit mill-ħafna poeżiji li kiteb li, kif naħsbu, jistgħu jħasslu ħajja twila. Imma' dawk il-ftit huma miktuba hekk tajjeb, bla ebda dell li jgħajjibhom, bla ebda nuqqas li jxattarhom, bla ebda tagħwiġ u tiġbid li jkerrahhom, illi ż-żmien, bil-fehmiet mibdula li jġib miegħu, ma jista' qatt jeqridhom. Jekk it-trab taż-żmien bir-raġun kollu ġa difen ittaqbiliet bla siwi li ħażżeż fl-ewwel taqsima ta' ħajtu, b'daqshekk ma qeredx ismu ta' poeta, isem li kiseb bil-poeżiji kbar, fil-veru sens tal-kelma kbar, li aħna għadna naqraw b'għoġba u minnhom nitgħallmu kif il-kelma għandha titħaddem u kif il-ħsieb għandu jissawwar. Ma' tul il-karriera twila tiegħu letterarja hu kien imħabbat u msawwat bi kritka ħarxa, mhux tant għal dak li hu stil u xejra ta' kitba, daqs kemm għall-imħabba tiegħu lejn il-Malti. Ħbiebu kienu jħarsu lejh b'għajn kerha. Ħbiebu kienu jiddieħku bih—bih u bl-Ilsien Malti li hu kien iħobb. Imma fil-qiegħ ta' qalbu dejjem baqgħet sħiħa l-imħabba, u fil-fond ta' ħsiebu l-fehma, li b'xejn ma ttiefset, li l-Malti, fuq dak it-taqlib u t-twegħir taż-żmien, għad żgur joħroġ rebbieħ. U rebaħ tabilħaqq.

GUŻE' CHETCUTI.

---

# RECENSJONIJIET

**IL-KOTBA MQADDSA BIL-MALTI** — Il-Kotba ta' Esdra u Nehemija maqlubin mill-Lhudi u mfissrin minn Dun P.P. Saydon. pp. 41—Empire Press. 1946.

Wara biċċa żmien sewwa, il-Prof. Saydon tana ktieb ieħor tal-Bibbja bil-Malti, biċċa xogħol reliġjuża u letterarja: *reliġjuża* għax hu l-kelma t'Alla miktuba, li aħna l-Maltin s'issa kellna naqrawha, min kien jista', f'ilsien ħaddieħor, u *letterarja* għax il-Prof. Saydon f'dan ix-xogħol tqil u ta' responsabbiltà bla tarf qed iħaddem l-ilsien Malti b'sengħa ta' artist.

Dawn iż-żewġ kotba huma miktubin wara s-sena 332 Q.K. minn kittieb li ma nafux min hu, iżda li nqeda bit-tifkiriet miktuba minn Esdra u Nehemija u daħħalhom fil-ktieb tiegħu bla ma biddilhom'' (p. vi) Il-kittieb jirrakkontalna r-reġgħa lura tal-ġens Lhudi mill-jasar tal-Babilo-

nja. Is-sultan Ciru jħallihom jerġgħu lura lejn Gerusalemm taħt it-tmexxija ta' Żerubabbel u Esdra biex ixettlu mill-ġdid il-Ġens tal-Mulej madwar Sijon, il-Belt ta' David, imħawra b'tifkiriet kbar. Il-poplu Lhudi kien mibni fuq teokarazija waħdanija qalb il-ġnus l-oħra mixħuta, imtajna, u midfuna fil-ħmieġ tal-paganiżmu bla Alla u bla qalb. Għalhekk meta kien il-poplu Lhudi mbikki fil-jasar għal 70 sena sħaħ, ħass il-kastig ta' Alla, nidem u reġa' lura f'artu b'rieda ta' l-azzar li jibni mill-ġdid Ġerusalemm, mhux biss fil-ħitan u d-djar, iżda wkoll fir-ruħ, mogħtija kollha kemm hi lil Alla. Bnew il-ħitan ta' madwarha, ġeddu l-liġi, waħħduha magħhom, stqarrew dnubiethom u wegħdu 'l Alla li ma jidinbux iżjed. Żammewha l-wegħda?... Ir-ruħ ta' din it-tiġdida kienu Nehemija u Eżdra, l-iktar ta' l-ewwel. Il-karattru ta' l-azzar, il-għaqal, is-sabar, il-ġenju, l-imħabba għal artu f'Nehemija jinqraw sewwa bejn il-linji. Tagħlima f'waqtha għalina li rridu nsewwu l-ħsara li ġralna billi ntellgħu l-ħitan u taparsi ningħaqdu; fi kliem ieħor irridu nkunu bajjada flok bennejja. Mingħajr il-ħitan tal-Morali Nisranija, ma jistax ikollna organizzazzjoni ħajja.

Ix-xogħol tal-Prof. Saydon hu xogħol letterarju. Ma noqogħdux nidħlu fl-irqaqat. Il-Professur stess urihomlna f'*Leħen il-Malti* ta' April-Gunju, 1945. Ix-xogħol ta' qlib mill-Lhudi, ilsien mejjet, fil-Malti, ilsien ħaj, iżda li ntelaq għal riħu għal medda ġmielha ta' żmien, hu tqil. Ma ninsewx ukoll it-tfixkil li xi mindaqqiet jiltaqa' magħhom il-għaref li jiġi biex jibni t-test mill-ġdid ta' ktieb miktub madwar 2,500 sena ilu. Kontra dak li jaħsbu x'uħud, jekk il-Lhudi jaqbel mal-Malti f'ħafna punti, ma jaqbilx ukoll miegħu f'ħafna, u għandu mnejn f'iktar, punti oħra. Il-Prof. Saydon kemm sata' żamm pass b'pass fuq it-test oriġinali, iżda kellu wkoll jitilqu meta s-sintassi u l-grammatika Maltija ħtieġu hekk. Fejn sata' nissel forom ta' Verbi, jew inqeda b'forom li diġa jeżistu b'tifsira li m'aħniex imdorrijin biha, iżda li tiftiehem malajr bla tkewtil xejn. Hekk ingħidu aħna nqeda bit-tieni forma tal-verb *ħalef*, i.e. *ħallef*, biex ifisser il-forma *ħifil* Lhudija, jiġifieri "ġġiegħel lil ħaddieħor jaħlef". Jekk imbagħad xi ħadd jitriegħex mill-kostruzzjoni ta' xi sentenzi qosra u ripetizzjonijiet ma jinsiex li għandu f'idejh ktieb miktub madwar 2,500 sena ilu b'gosti u b'idejat xort'oħra minn tagħna. Għalhekk dan jiġri lill-Bibbja wkoll meta tinqaleb f'ilsna oħra, ngħidu aħna fl-Ingliż. Jekk madankollu tifli ftit bir-reqqa t-traduzzjoni tal-Prof. Saydon għandek issib ir-rabta li hemm bejn vers u ieħor, ċertu ritmu li ma jiżloqx lill-widna mdorrija għalih. Hawn hu l-preġju ta' dan ix-xogħol ta' siwi kbir għal min irid jidħol fil-qalba ta' Lsienna.

J'Alla l-Prof. Saydon ifittex jispiċċa x-xogħol li ndaħal għalih. Għad fadallu ħafna, iżda ma naħsibx li ser jaqta' qalbu.

DUN KARM SANT.